**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 15 ta' Gunju 2001**

**Numru** 3

**Citaz. Nru.** 1768/95 FDP

**Anthony Azzopardi u Carmel sive Charles Azzopardi ezercenti l-kummerc taht l-isem Azzopardi Fisheries**
**Vs**
**Raymond Fauzza, Michael John Turner, u Jim Reeves;**
**u b'digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1995 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Le Pilier Restaurant Limited; liema digriet gie revokat *contrario imperio* bid-digriet moghti fit-2 ta' Frar 2001;**
**u b'digriet tal-20 ta' Jannar 1997 l-Avukat Joselle Galea u l-PL Gerald Bonello gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Jim Reeves;**
**u b'digriet tat-12 ta' Jannar 1998 Dr Joselle Galea giet estromessa mill-kawza bhala kuratur deputat u minflokha gie nominat bhala kuratur l-Avukat Dr. Joseph Azzopardi.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenuti jinsabu debituri versu l-atturi fis-somma ta' tlett elef mija u tmeinja u ghoxrin lira u disgha u sebghin centezmu (Lm3128.79) rapprezentanti prezz ta' hut lilhom mibjugh u kkonsenjati skond kif jirrizulta mill-prospett anness mac-citazzjoni u mmarkat Dokument A, liema dejn hu cert, likwidu u dovut;

Premess illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti;

Premess illi fil-25 ta' Awissu 1995 il-konvenuti rrilaxxjaw cheque a favur l-atturi akkont ta' l-ammont dovut liema cheque ma giex onorat mill-Bank;

Premess illi fil-fehma ta' l-atturi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talba attrici;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm3128.79 fuq imsemmija rapprezentanti prezz ta’ hut mibjugh mill-atturi lill-konvenuti;

Bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta’ Ottubru 1995 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-31 ta’ Ottubru 1995 u tal-mandat ta’ qbid ipprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Fauzza li permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi ma kienx il-legittimu kontradittur f'din l-istanza u kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan stante li huwa personalment ma kellu ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi peress illi l-merkanzija mertu ta' dawn il-proceduri giet ordnata mis-socjeta` Le Pilier Restaurant Limited;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Raymond Fauzza u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael John Turner li fiha eccepixxa:-

1. Illi t-talba attrici kontra tieghu kellha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi l-istess eccipjent qatt ma xtara jew ordna ebda hut u lanqas qatt ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejnu u l-atturi;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Michael John Turner u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Dicembru 1995 li permezz tieghu, wara talba ta' l-atturi, giet imsejha s-socjeta` Le Pilier Restaurant Limited; liema digriet gie revokat *contrario imperio* skond ma jidher fil-Verbal ta' l-Udjenza tat-2 ta' Frar 2001;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti Jim Reeves li fiha huma eccipew:-

Illi ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk rriservaw li jipproducu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi l-atturi huma l-proprjetarji li jiggestixxu negozju tal-hut bl-isem Azzopardi Fisheries u kienu jissupplixxu kwantita ta' hut lir-restaurant li huma jikkontendu li kien jappartjeni lit-tlett kontendenti; permezz tac-citazzjoni talbu l-hlas ta' dawn il-konsenji u dan anke wara li ma ssarrafx cheque ta' Lm500 li kien inghata lilhom akkont mill-ammont dovut;

Illi l-konvenut Fauzza eccepixxa li l-hut kien gie ordnat mhux minnu personalment imma mis-socjeta` Le Pilier Restaurant Limited, waqt li l-konvenut Turner eccepixxa li ma kellu ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi;

Illi l-attur Anthony Azzopardi, quddiem il-Qorti, xehed li l-konvenut Fauzza flimkien maz-zewg konvenuti barranin l-ohra talbuh biex jibda jtihom il-hut ghar-restaurant u "*qaluli li huma partners f'dan in-negozju*"; allura "*bdejt nbieghhilhom il-hut*" u "*bdejt nikkonsenjalhom il-hut fuq kreditu*";

Illi meta wara xi zmien talabhom ihallsu "*Fauzza rrilaxxali cheque u gabuli l-hanut*"; dan ma giex onorat mill-bank u allura huwa mar ikellem lil Fauzza fil-presenza tal-konvenuti l-ohra u huma qalulu li huma kienu ser ihallsuh mill-qligh li

kien ser jibqalhom minn tellieqa tal-muturi; minn dan ma gara xejn u l-atturi baqghu ma thallsux;

Illi l-istess attur kkonferma "*illi ebda wiehed mit-tlett partijiet ma semmieli li kellhom xi kumpanija bejniethom, biss naf li kienu shab u kienu jitkellmu flimkien*";

Illi l-konvenut Fauzza ressaq bhala xhud lill-proprjetarju tar-restaurant in kwistjoni u dan ikkonferma li hu qatt ma ghamel ebda kirja favur Mike Turner li kien ftihem dwar il-kumplament tal-Villa Chappelle (cioe` il-villa barra r-restaurant *de quo*) izda kien ghadda c-cwievet lir-rapprezentant ta' Turner peress li huma ghamlu li eventwalment jilhqu wkoll ftehim dwar ir-restaurant li fil-bidu kien gie eskluz peress li kien mikri lil terza persuna bl-isem ta' Ellul;

Illi l-konvenut Turner anqas wiegeb meta gie mistoqsi x'kien gara wara li dan Ellul kien irrilaxxa l-post, pero` huwa kkonferma li kien jghix fuq l-istess restaurant u kien spiss gewwa dan ir-restaurant u wkoll "*I also advised Raymond Fauzza on marketing in such a way that he could get new business for the restaurant*";

Illi l-Qorti tat hafna piz lix-xhieda tal-konvenut Turner meta ammetta "*at one point we were aware that there were bounced cheques issued by Mr. Fauzza and we were worried and together with Mr. Reeves we went to Bank of Valletta to try to get some financing. I know that these cheques which bounced were issued in the name of Le Pilier Restaurant Limited*"; Turner qal dan wara li ftit qabel xehed "*I was not involved in any company*

*which was formed and I do not have any say in 'Le Pilier Company Limited' which I was told was being formed.*";

Illi l-Qorti li kellha l-opportunita` li tisma' sew lill-istess xhud ma tarax li l-verzjoni tieghu hija kredibbli;

Illi mix-xhieda tal-konvenut Fauzza jekk is-socjeta` Le Pilier "*kienet tezisti dan kien qabel ma beda in-negozju in kwistjoni, u fiz-zmien meta ir-restaurant (skond anki x-xhieda tal-proprjetarju Sammut) kien f'idejn Ellul*"; in fatti Fauzza xehed li "*jiena kont impjegat ma' Le Pilier Limited*"; u dan anke qabel ma haduh l-Inglizi. Kien hemm is-Sur Mario Ellul bhala manager ta' Le Pilier Limited; wara ssemmiet ukoll is-socjeta` 'Le Pilier Restaurant Limited'. Fauzza dahhal ukoll fl-istorja lil Robin Walker u lil ibnu James Robin Walker imma ammetta li c-cheque ghall-Lm500 kien gie iffirmat minnu. Il-Qorti pero` ma tifhimx kif qal "*jiena kont niffirma cekkijiet ghax l-Inglizi kienu jghiduli biex niffirmahom. L-Inglizi kienu igaghluni niffirma u kienu jghiduli li l-flus kienu gejjin*"; stqarr ukoll li "*jiena kont nirrunja l-post b'dak kollu li jgib mieghu*"; il-Bank kien jinfurmah dwar il-bilanc tal-kont "*ghax kien jibghatli statement*". Ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta twaddab ukoll dawl serju fuq l-allegazzjoni ta' Fauzza illi kollox kien qed isir f'isem il-kumpanija;

Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa il-provi kollha tal-process u kellha l-opportunita` tisma' lill-partijiet kontendenti, tifhem li l-verzjoni

attrici hija ferm aktar attendibbli minn dik tal-konvenuti illi ma giet bl-ebda mod sostanzjata;

Illi rrizulta ampjament li l-konvenuti kienu jiggestixxu flimkien in-negozju ta' restaurant li ghalih, fuq istruzzjonijiet taghhom it-tlieta, gie fornit il-hut in kwistjoni. It-tlett konvenuti kienu jafu sew dak li kien qed jigri u ghalhekk huma *in solidum* responsabbli ghad-debiti ta' l-imsemmija impriza kummercjali li kienet qed tigi minnhom gestita.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Domanda;

Tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, u tilqa' t-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-istess konvenuti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur